MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 2351/2004

**GasanMamo Insurance Limited noe et.**
**Vs**
**Francis Farrugia**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz ta’l-atturi fejn talbu lit-Tribunal jiddikjara lill-konvenut debitur ta’ l-atturi fis-somma ta’ elf, tmienja u sebghin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm1078.85) u dana in kwantu ghas-somma ta’ elf u tlieta u hamsin Lira u hamsa u tmenin centezmu (Lm1053,85) lis-socjeta’ attrici assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta’ hamsa u ghoxrin Lira (Lm25.00) lill-attrici Isabel Halliday rappresentanti danni li soffrew l-atturi meta l-konvenut, waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru SIM 160 fis-17 ta’ Mejju, 2003 gewwa iz-Zurrieq habat mal-vettura numru BEL 666 proprjeta’ ta’l-attrici Isabel Halliday u kkaguna danni fl-istess vettura;

Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat;

Bl-ispejjes, komprisi dawk tal-parir (Lm15.00 u ta’l-ittra ufficjali datata 20 ta’ Ottubru, 2004 kontra l-konvenut u ta’ ittra ufficjali , bl-imghax kontra l-istess konvenut;

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa li t-talba ta’l-atturi hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi t-tort fl-incident de quo kien ta’ Isabel Halliday, proprjetarja tal-vettura bin-numru BEL 666;

Illi,minghajr pregudizzju gas-suespost, l-ammont mitlub huwa eccessiv;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Ra x-xhieda ta’ PS 577 Joseph Abdilla li jghid li fis-17 ta’ Mejju, 2003, kien hemm kollizzjoni bejn vetturi BAA 689, BEL 666 u SIM 160 fi Triq  Valletta, Zurrieq;

Is-surgent jispjega illi meta mar fuq il-post sab biss il-vettura BAA 689 u BEL 666, filwaqt li irrizulta li l-vettura SIM 160 baqqghet sejra u aktar tard sabha mohbja Hal Farrug, wara l-Elbros. Kien imbaghad bghat ghal sid il-karozza Simone German li kienet ser tbiegh il-vettura lil terz, li da parti tieghu kien tah lil Francis Farrugia, l-konvenut;
Irrizulta li l-vettura kienet minghajr driving licence izda kienet assigurata. German gabet lil Farrugia l-ghassa li kkonferma li kien qed isuq u li kien baqa’ sejjer ghaliex kien beza’;

Is-surgent esebixxa r-rapport u l-iskizz;

Ra x-xhieda ta’ Isabel Halliday li fil-gurnata ta’l-incident tispjega li kienet qed issuq il-vettura BEL 666 go Valletta Road, sejjer lejn l-Imqabba. Tghid li kemm quddiemha kif ukoll warajha kien hemm il-vetturi. Tispjega li kien hemm vettura ohra li laqtitha fuq ix-xellug u tefaghha mal-hajt;

Ix-xhud tghid li din il-vettura qabzet xi seba’ karozzi u giet minn warajha, habtet ma’ karozza li kienet hierga minn go side street, b’konsegwenza li dahal gol-vettura BAA 689 u mbaghad dahal go x-xhud;

Ix-xhud tghid li hi kellha polza ta’ assikurazzjoni “fully comprehensive,” u hallsitilha kollox, hlief li hi kienet hallset Lm25 excess. “Loss of use, “ giet koperta mis-socjeta’ assikuratrici;

Ra x-xhieda ta’ Johann Attard li kkonferma li kien involut f’incident awtomobilistiku fis-17 ta’ Mejju, 2003 u kien qed isuq vettura numru BAA 689. Ighid li kien hiereg minn triq Dun Guzepp Barbara, meta ra il-vettura Honda Civic tiela’ wrong way u minn naha l-ohra kienet gejja vettura Polo u kienet niezla ‘l isfel;

Jikkonferma li l-vettura tal-marka Polo kienet niezla fid-direzzjoni t-tajba. Jispjega li l-Honda Civic baqghet diehla fil-vettura tieghu, fil-Polo, li mbaghad baqqghet diehla gol-arblu. Is-sewwieq tal-vettura Honda Civic baqa’ sejjer u dan kien jismu Francis Farrugia;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidra;

F’dan l-incident awtomobilistiku li sehh fis-17 ta’ Mejju, 2003, gie kkonfermat mix-xhieda kollha, kif graw is-segwenza tal-fatti. Jidher illi l-vettura misjuqa mill-konvenut Honda Civic b’numru ta’ registrazzjoni SIM 160, qabzet xi seba’ vetturi, baqqghet diehla go vettura li kienet hierga minn go side street BAA 689, misjuqa minn Johann Attard u per konsegwenza baqqghet diehla gol-vettura ta’l-attrici Isabel Halliday u haditha max-xellug. Tant kien kbir l-impat li baqqghet diehla go arblu;

Is-surgent Abdilla jikkonferma dawn il-verzjonjiet, kif ukoll, fir-rapport u l-okkorenza prodotta minnu, rrizulta li l-konvenut Francis Farrugia kkonferma r-responsabbilita’ tieghu f’dan l-incident, merta tal-vertenza odjerna u

ammetta mal-istess surgent li hu kien harab minn fuq il-post ta'l-incident ghaliex kien beza';

Da parti tal-konvenut ma pproduca l-ebda xhieda in kontestazzjoni ghar-responsabbilita' tieghu u ghaldaqstant it-Tribunal jhoss li ghandu jemmen il-verzjoni ta'l-atturi, li kien hemm nuqqas ta' "proper lookout," da parti tal-konvenut u kien negligenti meta qabad u qabez seba' vetturi u habat gol-vettura ta' l-attrici, kif ukoll ta' persuna ohra. Ikkaguna l-istess incident minhabba nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku;

Jibqa' x'jigi ezaminat il-kwistjoni tad-danni. Il-konvenut ma gab l-ebda provi sabiex jikkonvinci lit-Tribunal li l-ammont huwa eccessiv. L-atturi qed jitolbu l-ammont ta'  ta' elf, tmienja u sebghin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm1078.85) u dana in kwantu ghas-somma ta' elf u tlieta u hamsin Lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm1053,85) lis-socjeta' attrici assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin Lira  (Lm25.00) lill-attrici Isabel Halliday, pero' mid-dokumenti esebiti, konsistenti fis-survey report, kif ukoll l-ircevuti tal-hlas, jista' jigi stabbilit illi l-ammont tad-danni jikkonsisti f'elf disgha u ghoxrin lira, hamsa u tmenin centezmu (Lm1029,85) u erba u tletin lira u hamsin centezmu (Lm34.50) bhala car hire li flimkien jammontaw ghal elf erbgha u sittin lira Maltin, hamsa u tlettin centezmu   (Lm1064.35), li maghhom gie stabbilit li l-attrici kienet hallset hamsa u ghoxrin lira "excess" li flimkien jaghtu total ta' danni fl-ammont ta' elf disgha u tmenin lira hamsa u tlettin centezmu (Lm1089.35);

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici in kwantu jirrigwarda r-responsabbilita' tal-incident li sehh fis-17 ta;' Mejju, 2003, filwaqt li jordna li l-hlas tad-danni jammontaw ghal elf disgha u tmenin lira Maltin hamsa u tlettin centezmu (Lm1089.35).

Bl-ispejjes u l-imghax mid-data ta'l-avviz ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------